MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 968/2011

**1. Alfred Cachia;**

**2. Dominic Cachia f'ismu *proprio* u kif ukoll bħala mandatarju tal-assenti Edwin Cachia;**

**3. Catherine Vella f'isimha *proprio* u kif ukoll bħala mandatarja tal-assenti Pauline Lijoi; Josephine Micallef nee' Cachia; Mary Ryan nee' Cachia; Leslie Frank Bartlett u Saviour Cachia;**

**4. Dominic Cachia u Catherine Vella flimkien bħala mandatarji tal-assenti Alan John Bartlett u Helen Magaret Sinclair;**
**5. Theresa magħrufa bħala Tessie Cachia.**

**-vs-**

**Carmelo Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 t'Ottubru 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi r-rikorrenti flimkien mal-intimat huma proprjetarji tal-fondi ossija d-dar u garaxx adjaċenti uffiċjalment numerati 19 u 20 ġewwa St. Catherine Street, Qrendi:

Illi mingħajr titolu validu fil-liġi l-intimat qiegħed jokkupa l-fondi 19 u 20, St. Catherine Street, Qrendi u dana għad esklużjoni tar-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti ma għandhomx aċċess għall-fondi 19 u 20, St. Catherine Street, Qrendi u liema fondi jinsabu fil-pussess esklussiv tal-intimat mingħajr titolu validu fil-liġi;

Illi għalkemm l-intimat ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jiżgombra mill-imsemmija fondi u jirritorna l-pussess tal-istess lir-rikorrenti dan baqa' inadempjenti;

Illi għalhekk kellha ssir dina l-kawża u fl-opinjoni tar-rikorrenti l-intimat ma għandhu ebda eċċezzjoni xi jressaq għat-talba tal-istanti;

Għaldaqstant jgħid l-intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża *ai termini* tal-artikoli 167 sa 170 tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat qed jokkupa u / jew jippossjedu l-fondi ossija d-dar u garaxx adjaċenti uffiċjalment numerati 19 u 20 ġewwa St. Catherine Street, Qrendi mingħajr titolu validu fil-liġi;

3. Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombra mill-fondi ossija d-dar u garaxx adjaċenti uffiċjalment numerati 19 u 20 ġewwa St. Catherine Street, Qrendi;

4. Tordna li fl-eventwalita' li l-intimat ma jiżgombrax mill-fondi ossija d-dar u garaxx adjaċenti uffiċjalment numerati 19 u 20 ġewwa St. Catherine Street, Qrendi fi żmien lilu prefiss, ir-rikorrenti jkunu debitament awtoriżżzati jirriprendu l-pussess tal-istess fondi u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xieraq u opportuni dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali, kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri għad-danni sofferti mir-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2011 fejn il-konvenut ġie awtoriżżat jikkontesta l-kawża;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Carmelo Cachia ppreżentata fl-14 ta' Novembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-liġi billi r-rikorrenti ma fadlilhom ebda nteress f'eżitu ta' din l-azzjoni peress li tilfu kull jedd li seta' kellhom għal xi sehem mill-assi ereditarji tal-mejtin Joseph Cachia u Maria Cachia.

Illi Joseph Cachia u Maria Cachia l-ġenituri tal-familja Cachia, mietu fid-9 ta' Settembru 1974 u fid-29 ta' Awissu 1983 rispettivament u għalhekk skond artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili, ir-rikorrenti ma' baqagħlhomx dritt fuq il-proprjeta' skond il-liġi peress li għaddew 28 sena minn meta Maria Cachia mietet.

Illi wkoll Carmelo Cachia beda jokkupa dan il-post fis-sajf ta' 1972 u dan bil-permess ta' missieru u ommu. Illi dan il-post baqa' fil-pussess esklussiv tal-esponent minn dak iż-żmien u għalhekk l-azzjoni tal-atturi huwa nfondat billi hi preskritta *ai termini* tal-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

Salv eċċezzjonijiet oħra u mingħajr preġudizzju għal fuq espost b'riserva għad-drittijiet li l-intimat ukoll għandu

bħala werriet ta’ Joseph Cachia u Maria Cachia kif ukoll b’riserva għal kawża kontra l-atturi in konnessjoni ma’ self li kienet għamlet ommu minn għandu u għas-serviġi li l-konvenut renda lil missieru u lil ommu.

Bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Semgħet lill-Avukati;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Mejju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li tressqu ma hemmx dubju minimu li l-kawża kellha ssir sempliċement għax il-konvenut qed iwebbes rasu. Jirriżulta ċar li l-fond in kwistjoni huwa tal-partijiet f’sehem indiviż, u allura l-konvenut ma jistax jibqa’ jżomm il-pussess tiegħu a skapitu tal-atturi. L-eċċezzjonijiet tiegħu huma palesament infondati u lanqas biss jistħoqqilhom kunsiderazzjoni. Il-Qorti pero’ ma tistax tilqa’ l-aħħar talba għaliex ma tista’ qatt tawtorizża lil xi ħadd jieħu l-liġi b’idejh; għandhom biss jiġu adoperati meżżi legali f’każ li konvenut ma jobdix is-sentenza tal-Qorti.

**DEĊIŻJONI**
**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba minħabba d-digriet tas-7 ta’ Diċembru 2012;**

**2. Tilqa’ t-tieni talba;**

**3. Tilqa’ t-tielet talba u tipprefiġġi terminu ta’ xahar għall-iżgumbrament;**

**4. Tiċħad ir-raba' talba;**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------